Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL-EWWEL LAQGĦA TAT-TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** It-Tlieta, 5 ta' Mejju 2015

**Ħin:** Mis-7.15pm sat-8.30pm

**Preżenti:**

Is-Sur Joe Galea (Chairman)
In- Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Andre' Grech
Is-Sur Daniel Muscat

**1. <u>Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku.</u>**

Il-Kunsillier J. Galea bħala l-Kunsillier l-aktar anzjan ħa s-siġġu u bdiet il-laqgħa.

Il-Kunsillier J. Galea għadda biex jistaqsi lill-Kunsillier, in-Nutar Dr. Ian Spiteri jekk jaċċettax il-kariġa ta' Sindku peress li huwa l-Kunsillier li ġab l-akbar numru ta' voti fl-ewwel *count* minn fost il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista li tella' l-maġġoranza assoluta ta' kunsillieri.

Il-Kunsillier Ian Spiteri aċċetta l-kariga ta' Sindku u pprezenta lill-Kunsill b'ittra fejn informa lill-Kunsill li jaċċetta l-ħatra (mehmuża).

F'dan il-ħin il-membri kollha ferħu lis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezentah bil-*lapel badge*, l-insinja u ċ-ċwievet tal-uffiċċju tal-Kunsill.

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ħa s-siġġu f'dan il-ħin. Fl-intervent tiegħu beda biex jirringrazzja lil sħabu l-kunsilliera li ġew eletti kif ukoll dawk li servew fil-leġislatura ta' qabel li kienu Dr. J. Zammit Montebello, is-Sur Stephen Gatt u s- Sur Guido Borg. Huwa rringrazzja wkoll lil dawk il-kanditati li ma ġewx eletti imma żgur għalihom ser ikollhom opportunita' ma' dan il-kunsill il-ġdid fejn jistgħu jagħtu sehemhom.

Is-Sindku talab lil kull min ġie elett biex ninsew id-differenzi politici li kien hemm waqt il-kampanja elettorali u naħdmu lkoll flimkien biex ikollna Hal Balzan raħal aħjar. Bħala Kunsilliera għandna d-dover li nkunu dejjem *accountable* lejn ir-residenti li fl-aħħar mill-aħħar eleġġewna.

Is-Sindku għalaq billi talab l-għajnuna ta' kulħadd biex fl-aħħar ta' din il-leġislatura nħallu r-raħal tagħna aħjar milli kien.

## 2. Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi-Sindku.

Is-Sindku għadda biex jistaqsi lill-Kunsillier Andre' Grech biex jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi-Sindku peress li huwa l-Kunsillier li ġab it-tieni l-akbar numru ta' voti fl-ewwel *count* minn fost il-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista li tella' l-maġġoranza assoluta ta' kunsillieri.

Il-Kunsillier Andre' Grech aċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku u pprezenta lill-Kunsill b'ittra fejn informa lill-Kunsill li jaċċetta l-ħatra (mehmuża).

F'dan il-ħin il-membri ferħu lill-Viċi-Sindku.

## 3. Ħatra ta' Kumitati.

Is-Sindku għarraf lill-Kunsilliera d-dekasteri li ser ikunu responsabbli minnhom kif ukoll saħaq li kull wieħed minna għandu jkollu s-sotto-kumitati tiegħu. Id-dekasteri ġew approvati u huma dawn li ġejjin:

"*Infrastruttura, Sport u Attivaitajiet*" (li magħhom ser jinħoloq sotto-kumitat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku). Dawn ser ikunu jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tas-Sindku Dr. Ian Spiteri

Is-Sindku ppropona lill-Viċi Sindku, is-Sur Andre' Grech li jkun reponsabbli mill-"*Fondi Ewropej, Għaqdiet Volontarji, Entitajiet Kummerċjali u Forum Professjonisti*".

Is-Sindku ppropona li l-Kunsillier is-Sur Joe Galea jkun responsabbli mill-"*Manutenzjoni u Ambjent*".

Is-Sindku ppropona li l-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara jkun responsabbli mill-"*Anzjani u Edukazzjoni*"

Is-Sindku ppropona li l-Kunsillier is-Sur Daniel Muscat ikun reponsabbli miz-"*Żgħażagħ, Kultura u Pubblikazzjonijiet*".

## 4. Aġġustamenti proposti mill-Awdituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju Annwali 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2014 kif emendat wara li sar l-*audit*. Preżenti kien hemm l-accountant tal-Kunsill is-Sur Mark Debono fejn ta rapport dettaljat tal-aġġustamenti li ġew proposti mill-Awdituri.

Ir-rapport finanzjarju annwali għas-sena 2014 kien propost għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara. Ir-rapport ġie approvat unanimament u tmien kopji tar-rapport ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

**Għeluq:** Is- Sindku talab li l-laqgħa tiġi aġġornata peress li kien sar il- ħin għal nhar is- Sibt, 9 ta' Mejju fid- 9am.

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mr. Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data